MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 109/1998/1

Graffiti Design Co. Limited

vs

Godfrey u Francis Farrugia f'isimhom proprjo u ezercenti l-kummerc f'isem Atlantis Hotel

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghha s-socjeta attrici ippremettiet illi:

1. inghatat kuntratt ta' xoghol, liema kuntratt datat 11 ta' Frar 1995, jistipula li s-socjeta' attrici kienet inghatat ir-rwol ta' "sole interior designer u project manager" u b'hekk responsabbli ghal "design sketches" u "working drawings" tax-xoghlijiet li kien ser jigu ezegwiti, kif ukoll ir-rwol ta' "Project Management" ghax-xoghlijiet kollha relatati ma' l-

estensjoni tal-'Hotel Atlantis', kumpless sportiv, kmamar u postijiet maghrufa bhala "common areas";

2. dan l-istess kuntratt kien jistipula li l-hlas kellu jkun ta' elfejn mija u erbghin lira (Lm2140) ghal isketches preliminari fil-waqt li ghal "working drawings", kif ukoll ghal "project management", is-socjeta' attrici kellha tithallas bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-valur tal-materjal u l-mano d'opera tax-xoghol relattiv;

3. il-progett wasal fi tmiem tieghu u skond l-istess kuntratt, ghax-xoghol esegwit skond l-invoices, il-konvenuti kellhom ihalsu s-somma ta' elfejn disa mija tmienja u ghoxrin lira wiehed u sebghin centezmu (Lm2928.71) ghad-"design preliminary sketches" (dok.G u H), apparti kommissjoni ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-valur tal-materjal uzat u dan ta' l-ahhar bhala hlas ghas-servizzi ta' "project management" u "working drawings";

4. il-konvenuti halsu s-somma stabbilita ghad-"design preliminary sketches", skond il-kuntratt, fil-fatt halsu s-somma ta' Lm471.50 aktar, u qeghdin jirrifjutaw mhux biss li jhalsu lis-socjeta' attrici s-somma dovuta ghax-xoghol rimanenti, fosthom il-"working drawings" u l-"project management", izda di piu' qeghdin jirrifjutaw jaghtu kopja tal-fatturi relattivi sabiex skond l-istess kuntratt gja riferit, l-ammont dovut jkun jista' jigi komputat;

5. il-konvenuti interpellati sabiex jghaddu kopji ta' dawn il-fatturi u jhalsu l-bilanc dovut baqghu inadempienti;

Talbet is-socjeta' attrici ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara l-konvenuti debituri tas-socjeta' attrici ghall-hlasijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq il-fatturi u xoghol skond l-istess kuntratt datat 11 ta' Frar 1995 ghax-xoghol li sar ta' "working drawings" u "project management";

2. tordna l-konvenuti sabiex jesebixxu l-originali tal-fatturi li fuqhom halsu ghax-xoghlijiet li saru;

3. tistabilixxi l-kummissjoni dovuta a bazi ta' l-istess fatturi;

4. fin-nuqqas tillikwida hija stess l-ammont ta' kummissjoni dovuta lis-socjeta' attrici, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

5. tordna lill-konvenuti jhalsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk stabbilita jew likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax-legali inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta’ Marzu 1998 u l-ittra ufficjali datata 26 ta’ April 1998 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ Mark Mifsud Bonnici flimkien mal-lista ta’ dokumenti u l-lista ta’ xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godfrey Farrugia li eccepixxa:

1. preliminarjament, li hemm in-nullita’ tac-citazzjoni in kwantu giet diretta kontra l-Atlantis Hotel li ma ghandha l-ebda personalita’ guridika maghrufa bil-ligi;
2. preliminarjament ukoll, li ma hemmx persuna bl-isem Francis Farrugia involuta fit-tmexxija ta’ l-‘Atlantis Hotel’ u ghalhekk jehtieg li jigu regolarizzati l-atti;
3. fil-meritu u minghajr pregudizzju, li l-esponent qieghed jikkontesta t-talbiet attrici u dan principalment ghall-zewg ragunijiet: (a) billi s-socjeta’ attrici ma wettiqtx l-obbligi minnha assunti; (b) billi anki dawk is-servizzi li gew moghtija ma kienux skond is-sengha u l-arti u kellhom jigu ripetuti mill-esponenti b’dannu kbir ghalih;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li tghid illi:

Peress li l-eccipjenti jrid jinqeda b’dawn il-proceduri sabiex iqanqal il-kontro-citazzjoni tieghu billi dan jirrigwarda meritu ma’ dak meritu ta’ din il-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Peress illi skond il-ftehim imsemmi s-socjeta’ attrici ntrabtet li taghti u tipprovdi lill-konvenut servizzi konnessi ma’ estensjoni tal-‘Atlantis Hotel’ u dan kif spiegat fic-citazzjoni;
Peress illi l-istess socjeta’ naqset li twettaq l-obbligi minnha assunti billi ma pprovditx kwantita’ konsiderevoli

mis-servizzi minnha promessi, ma osservatx iz-zminijiet prestabbiliti;
Peress illi anka partijiet sostanzjali mix-xoghol maghmul ma sarx skond is-sengha u l-arti u kellu jsir mill-gdid mill-esponenti u dan b'danni kbar ghad-ditta minnu rappresentata;
Peress illi diversi fazijiet tax-xoghol is-socjeta' attrici ma intervjenitx u ma ghamlet ebda xoghol ta' organizzazjoni jew supervizjoni;
Peress illi l-esponenti jrid li d-ditta tieghu tigi risarcita ghad-danni kontrattwali kollha sofferti minhabba dan in-nuqqas da parti ta' l-attur;

Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:
1. tiddikjara li, kif jigi ppruvat iktar fid-dettal fil-kors tal-kawza, is-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi fedelment l-obbligi minnha assunti skond il-ftheim mal-esponenti;
2. tiddikjara li konsegwentement l-istess socjeta' hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mid-ditta konvenuta minhabba dan in-nuqqas;
3. tillikwida dawn id-danni;
4. tikkundanna lis-socjeta' attrici sabiex thallas lid-ditta konvenuta l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta' Marzu 1998 u tal-ittra ufficjali spedita f'Mejju 1998. Is-socjeta' attrici tibqa' imharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghal kontro-talba tal-konvenut, li eccepiet:

1. in linea preliminari n-nullita' tal-kontro talba in kwantu ma gewx osservati ir-rekwiziti tal-ligi;
2. fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tal-konvenut huma infondati u ghandhom jigu respinti fil-meritu.

Rat id-dikjarazzjoni annessa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti, diversament preseduta, li fih innominat lill-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala perit legali;

Ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha;

Rat u ezaminat ir-realazzjoni tal-abbli Avukat Carmelo Galea u n-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ikkonsidrat:

B’kuntratt datat 11 ta’ Frar 1995 (folio 6) s-socjeta’ attrici giet inkarigata bhala ‘sole interior designer and project manager” sabiex tipprovdi ‘all design sketches, working drawings and the service of project management for all works related:

- to the entire sports complex;
- accommodation areas
- common parts’

fil-lukanda ‘Atlantis’ Marsalforn, Ghawdex, liema xoghlijiet gew aktar dettaljatament esposti f’ittra tal-10 ta’ Novembru 1997 (folio 7) li elenkat is-servizzi fuq liema kellha tigi komputata r-remunerazzjoni vis-à-vis ‘working drawings and project management’ u dan rispettivament fil-konfront ta’:

- decorative metal works (balconies, stair rails and roof railings);
- soffits and plaster board works (all works in all areas exluding dive shop);
- decorative spray painting (all areas except conference room office);
- carpentry (hotel doors, room furniture, reception, dive shop and pool bar);
- granite and marble (reception floor, pool area and façade);
- stained glass (reception windows);

- tiles and tiling (internal courtyard, reception roof, sports complex, pool deck and mosaic for pool interior);
- aluminium works (dive shop display windows and showcases);
- electrical installation and lighting fittings (all areas up to wiring stage and all fittings except bedside and stand lamps);
- structural works (all works related to internal courtyard pond);

b'addenda ma' 'those items still being manufactured namely conference room trims and furniture, sports complex office aluminium and furniture and metal courtyard spiral staircase and any other additional items requiring use of services to be added to list upon completion'.

Illi ghalhekk ghandu jkun wisq car minn dan illi kull import risultanti dovut huwa cirkoskritt fis-servizzi elenkati u li l-ammont in linja ta' kommissjoni mifthema u kalkolabbli bir-rata ta' 8% ghandu jigi komputat fil-limiti tas-servizzi fuq identifikati.

Issa l-kuntratt u manifestament wiehed ta' appalt, konsistenti f'obbligazzjoni 'di fare'. Huwa car wkoll li r-remunerazzjoni mifthema kient giet stabbilita f'ammont ta' Lm2461 (li kienet tinkludi l-VAT) ghal 'design preliminary sketches for all areas mentioned above' cioe' dawk relatati ghall-kumpless sportiv, l-ambjenti ta' akkomodazzjoni u l-ambjenti komuni, u f'percentag ta' 8% 'on total costs of all material purchased and related labour' mahduma fuq il-fatturat li l-konvenut qua appaltatur kellu jikkonsenja lis-socjeta' attrici. Fil-kuntest ta' dan mill-ittra datata 21 ta' Frar 1998 (folio 8) jirrisulta li l-ammont ta' Lm2461 thallas b'kreditu favur il-konvenut ta' Lm471.50.

Issa l-appalt in meritu kien jikkoncentra filli s-socjeta' attrici kellha tipprovdi s-servizzi taghha in veste ta'

konsulenza ta’ ‘project management’ li necessarjament kellu inerenti fih fattur ta’ supervizjoni relatat ma’ l-allestiment u twettiq ta’ ‘preliminary sketches’ u ‘working drawings’. Kien ghalhekk il-kompitu tas-socjeta’ attrici li taccerta li x-xoghol li kien qed jigi esegwit minn haddiema inkarigati mill-konvenut kien jirrispekkja l-‘sketches’ u d-‘drawings’ taghha kif approvati mill-konvenut u li l-kwalita’ tax-xoghol kellu jkun ta’ kwalita’ sodisfacjenti u esegwit skond l-arti u s-sengha.

Illi fir-relazzjoni tieghu (folio123 et seq) l-abbli perit legali l-Avukat Carmelo Galea ezamina punt punt is-servizzi moghtija in bazi ghall-elenku taghhom kif specifikat mis-socjeta’ attrici u riprodott aktar ‘il fuq u din il-Qorti tikkondividi fl-intier l-apprezzament maghmul mill-perit taghha b’hekk li qeghdha tadotta fl-intier il-konkluzjonijiet tieghu. Ikun f’dan il-kuntest ezercizzju superfluwi fil-fehma ta’ din il-Qorti li toqghod titraccja punt punt is-servizzi resi mis-socjeta attrici u a skans ta’ ripetizzjoni qeghdha tirreferi ghall-esercizzju li sar b’mod esawrienti u dettaljat mill-perit legali taghha fuq konsiderazzjonijiet kemm teknici u legali u wara li ikkonsidra is-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Issa mill-gurisprudenza in materja gie affermat li meta jinghata appalt u x-xoghol jew ma jsirx skond il-ftheim jew ikun difettuz, il-Qrati taghna gieli ordnaw il-hlas tal-prezz stabbilit a misura, skond ix-xoghol maghmul sewwa, u awtorizzaw il-kommittent izomm parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti u f’kazijiet ohra cahdu lill-appaltatur kull parti mill-prezz ghar-raguni li x-xoghol ma sarx skond kif titlob is-sengha (ara *Francis Mallia et noe v Edwin Magri deciza mill Appell u riportata Vol.LXXIII.ii.390*).

Illi fil-kaz in meritu hi l-fehma ta’ din il-Qorti li ghandha tordna l-hlas a bazi tat-tabella imfassla mill-Perit Legali u li tinsab a folio 340 li ‘arbitrio boni viri’ qeghdha izzidha ghal Lm4,500 sabiex taghmel tajjeb ghall-fatturi li l-konvenut

jghid li m'ghadhomx disponibbli u li fuqhom ma setax il-Perit Legali jikkalkolha ebda remunerazzjoni, u li flimkien mal-ammont ta' Lm471.50 li s-socjeta' attrici ghandha f'idejha in veste ta' kreditu favur il-konvenut, ghandha isservi bhala remunerazzjoni adegwata anka sabiex jghamlu tajjeb ghan-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant taqta' u tiddecidi l-kawza, billi:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' 10,482 euros ekwivalenti ghal Lm4500 b'imghax dekorribbli mill-lum sal effettiv pagament u mill-bqija tichad il-kumplament tat-talbiet tas-socjeta' attrici u tichad it-talbiet tal-konvenut fil-kontro talba konformement ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------